# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Gunju 2024**

**Kawża Numru: 4**
**Rikors Numru: 704/2021JVC**

**Moses Borg (KI: 393844 M), Elessio Borg (KI: 18960M), Emanuela Borg (KI: 045338M), Rosaria Borg (KI: 734161M), Spiridione Borg (KI: 253032M) u permezz tad-digriet datat 13 ta' Ottubru 2023 l-atti f'isem l-istess Spiridione Borg qed jigu trasfuzi f'isem Emanuel Borg (KI 0790760M), Joseph Borg (KI 0530355M) u Maria Muxi (KI 0155957M) stante li Spiridione Borg miet fil-mori, Alfred Borg (KI: 296539M), u Ludgarda Borg (KI: 353145M) bħala mandatarja**

**ta' Colleen Mary Seychell (Passaport Awstraljan Nru. PA5284170), Marlene Jane Borg (Passaport Awstraljan Nru. PB1162945), Maria Anna Bennett (Passaport Awstraljan Nru. N9753345) u Maria Dolores Borg (Passaport Awstraljan Nru: PA7370470)**

**vs**

**L-Avukat ta' l-Istat u John Mary Azzopardi (KI: 86457M) għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Moses Borg et li jaqra kif isegwi:

'1. Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond numru 21, Parish Priest Muscat Square, Ħamrun u dan kif jirrizulta mill-annessa *causa mortis* relattiva datata 19 ta' Ġunju 1998 annessa u mmarkata bħala Dok A, u testment tad-*decujus* Carmelo Borg datat 20 ta' Awwissu 1965 anness u mmarkat bħala Dok B;

2. Illi l-fond *de quo* huwa suġġett għal-lokazzjoni versu l-intimat John Mary Azzopardi u dan sa miż-żmien qabel l-1 ta' Ġunju 1995 u dan versu l-kera ta' €209 fis-sena;

3. Illi bl-applikazzjoni tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta l-kera odjerna hija protetta u dan stante li bdiet qabel l-1 ta' Ġunju 1995;
4. Illi l-kera sa' qabel l-introduzzjoni ta' l-emendi permezz tal-avviż legali XXIV tas-sena 2021 kienet fissa bil-liġi u ma tistax tinbidel, minkejja li l-prezzijiet fis-suq dejjem għolew u llum-il ġurnata teżisti diskrepanza enormi bejn il-kera annwali fuq il-fond u r-redditu li l-istess fond kien iġib f'suq ħieles;

5. Illi għalhekk, ir-rikorrenti kienu qegħdin isofru vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom hekk kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem minħabba li, qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Avviż legali XXIV tas-sena 2021, stante l-protezzjoni li l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien jagħti lill-intimat fid-detenzjoni tal-fond 21, Parish Priest Muscat Square, Ħamrun, ir-rikorrenti ġew imċaħħda l-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond u lanqas speranza reali li qatt jiksbu l-istess u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara li kienu qegħdin jiġu vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u għar-raġunijiet fuq esposti, u cioe minħabba li, qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Avviż legali XXIV tas-sena 2021 stante l-protezzjoni li l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien jagħti lill-intimati fid-detenzjoni tal-fond 21,

Parish Priest Muscat Square, Ħamrun, ir-rikorrenti ġew imċaħħda l-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond u lanqas speranza reali li qatt jiksbu l-istess u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

2) Tagħtihhom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minħabba dan il-ksur ta' drittijiet hawn fuq indikati,

u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż.'.

Rat ir-risposta tal-intimat John Mary Azzopardi li taqra li isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti naqsu milli jipproducu d-dokument essenzjali sabiex jistabbilixxu jekk huwiex minnhu illi Ludgarda Borg hijiex il-mandatarja propja tal-imsemmi Colleen Mary Seychell, Marlene Jane Borg, Maria Anna Bennett u Maria Dolores Borg. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw illi dan kien sar skond il-ligi u qabel ma giet ipprezentata l-imsemmi rikors. Fin-nuqqas ghandhu jigi dikjarat illi l-istess rikors huwa null.

2. Illi l-intimat jikkonferma illi huwa cittadin Maltija u l-fond de quo huwa r-residenza unika u ordinarja tieghu u li joqghod fih flimkien ma martu. Illi huwa pensjonant u finanzjarjament limitat hafna.

3. Illi ghar-rigward l-ewwel talba tar-rikorrenti, din hija nfondata fil-fattu fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez

stante li l-ligijiet attwali jaghtu lill-intimat esponent s-salvagwardji kollha necessarji sabiex ikompli jokkupa gustament il-fond de quo.

4. Illi ukol fir-rigward l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, dina hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-intimat ma ghandhux jinstab responsabbli ta' xi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif qieghed jigi minnhom ingustament allegat.

5. Illi relattivament ikoll ghall-ewwel u t-tieni talba, una volta l-intimat Azzopardi ma jiffurmax parti mill-organi legislattivi u amministrattivi tal-Istat Malti, huwa qatt ma jista jigi dikjarat responsabbli ghal xi allegat ksur u allegati danni li qeghdin jallegaw ir-rikorrenti li qeghdin isofru.

6. Illi relattivament qabel ma r-rikorrenti sstitwew l-odjerni proceduri kostituzzjonali huma kellhom qabel xejn, jezercitaw kull rimedju ordinarju u opportun sia fil-ligi minnhom invokata u sia ukoll f'dan il-kaz u dana ai termini l-emendi introdotti tramite tal-Att XXIV tas-sena 2021.

7. Illi permezz tal-emendi introdotti fl-Att XXIV tas-sena 2021 u bl-introduzzjoni tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, is-sidien ghandhom l-fakolta li jkunu jistghu jircievu kera annwali sal-massimu ta' tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank tas-suq tal-miftuh tad-dar ta' abitazzjoni. B'hekk b'dan il-mod u fis-sitwazzjoni tal-kawza in ezami de quo, l-imsemmija kirja ma tistax tipperdura wara li jigu nieqsin l-intimati. Ghaldaqstant, b'dawn l-emendi godda inholoq bilanc adekwat u gust u ekwu kemm ghad-drittijiet tas-sidien u kemm ghal-obbligi tal-inkwilin.

8. Illi in vista illi l-ligi giet emendata ghandhu jigi applikat il-principju tal-*jus superveniens* u t-talbiet tar-rikorrenti b'hekk jigu newtralizzati.

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat ilhu jokkupa l-post ghal numru twal ta' snin u qatt ma kisser il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni. Hu dejjem aderrixxa ruhhu mal-impost ta' kwalunkwe ligi relattiva ghalih kif ukoll fir-relazzjoni kuntrattwali mar-rikorrenti. Oltre minn hekk huma b'mod regolari u puntwali dejjem hallas il-kera lilhu dovuta. Illi r-ragunijiet moghtija minnhom ma ghandhom jaghmlu ebda stat ta' fatt u ta' ligi fil-konfront tal-esponenti.

10. Illi ghaldaqstant, l-intimat ma ghandhu jbati ebda konsegwenza jew jigi dikjarat responsabbli ghal xi dannu u lanqas jigi kundannat jhallas ebda kumpens, jew jizgombra mill-fond kif ukoll ghal ebda spejjez ta' din l-odjerna kawza.

11. Salv risposti, xhieda u dokumenti skond il-kaz.'.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, ir-rikorrenti għandhom iġibu **prova ċara u inekwivoka tat-titolu** li allegatament igawdu fuq il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, *ossia* l-fond bin-numru 21, Parish Priest Muscat Square, Ħamrun. Fin-nuqqas ta' tali prova, l-ilment konvenzjonali tar-rikorrenti ma jista' qatt jiġi kkunsidrat;

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti għandhom iressqu prova xierqa li turi kif l-fond in kwistjoni huwa tassew soġġett għal kirja protetta taħt id-dispożizzjonijiet tal-**Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, tenut kont tal-fatt illi dawn id-dettalji huma fundamentali għall-ilment imressaq mir-rikorrenti;

3. Illi subordinament u dejjem jekk jirriżulta li hemm kirja protetta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jista' qatt jinstab ksur għat-**terminu oriġinali** tal-kirja li jista' jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-kawża. Kull ilment marbut mal-kondizzjonijiet imposti fit-terminu oriġinali tal-kirja huwa direttament attribwibbli għall-ftehim li setgħu kkuntrattaw l-anteċessuri fit-titolu tar-rikorrenti u dan dejjem skont il-prinċipju fundamentali ta' *pacta sunt servanda*;

4. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

5. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq **l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesa' sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u

x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali. Tali diskrezzjoni tal-leġiżlatur m'għandhiex tinbidel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli – li żgur mhux il-każ. Il-**Kap. 16** u **69 tal-Liġijiet ta' Malta** għandhom:

- għan leġittimu għax joħorġu mil-liġi;
- huma fl-interess ġenerali għax huma maħsuba biex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom; u
- iżommu bilanċ bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod ġenerali;

**6.** Illi bla ħsara għal dak sueċċepit, f'kull każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-30 t'April 1987. Dan qed jingħad għaliex skont l-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 t'April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin;

**7.** Illi bid-dħul fis-seħħ tal-**Att XXIV tal-2021**, mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem, ir-rikorrenti ċertament ma jistgħux jilmentaw aktar mill-fatt li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Dan għaliex skont l-artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, huma jistgħu jitolbu lill-Bord li jirregola l-Kera sabiex il-kera tiġi miżjuda għal ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur ħieles fis-suq miftuħ tal-fond ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi

mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Żieda b'din ir-rata żżomm bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sid u tal-kerrej;

**8.** Illi ai termini tal-artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jistgħu jitolbu wkoll li jieħdu lura l-post u li ma jġeddux il-kirja jekk juru li l-inkwilin ma ħaqqux protezzjoni mill-Istat;

**9.** Illi l-Att XXIV tal-2021 iwaqqaf ukoll il-wirt tal-kirjiet, u għalhekk ir-rikorrenti lanqas jistgħu jilmentaw illi m'għandhomx speranza reali li qatt jistgħu jiksbu il-pussess effettiv tal-fond;

**10.** Illi għaldaqstant l-esponent jissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jiġu milqugħa, iżda fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li għandu jigi rimedjat bl-għoti ta' kumpens pekunjarju, dan il-kumpens għandu jirrifletti:

i. Il-fatt li l-interferenza fit-tgawdija paċifika tal-proprjetà hi ġustifikata minn raġunijiet ta' interess pubbliku;

ii. Il-fatt li anke kieku l-proprjetà in kwistjoni kienet fil-pussess tar-rikorrenti, ma hemm ebda ċertezza li r-rikorrenti kien jirnexxielhom iżommu l-fond in kwistjoni mikri lil terzi f'kull stadju;

iii. Il-fatt li anke kieku r-rikorrenti kienu krew il-proprjetà in kwistjoni lil terzi, kwalsiasi kera li

kienu jipperċepixxu kienet tkun suġġetta għat-taxxa;

iv. Il-fatt li matul iż-żmien, ir-rikorrenti xorta waħda rċevew xi kera mingħand l-inkwilini;

**11.** Illi di più, għandu jkun hemm tnaqqis addizzjonali fil-kumpens in konsiderazzjoni tal-fatt li r-rikorrenti jew l-anteċessuri tagħhom fit-titolu daħlu fi ftehim lokatizju mal-intimat bil-*buona* volontà tagħhom u li dejjem ipperċepew ir-renta, u kien biss riċentement li fetħu proċeduri għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom;

**12.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent Avukat tal-Istat umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.'.

Rat l-affidavits, xhieda, dikjarazzjonijiet *causa mortis,* testmenti, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, prokuri, kopja tal-ktieb tal-kera, certifikati tal-mewt, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Mejju, 2022 Dr David Camilleri u Dr Kristina Camilleri Deguara ghar-rikorrenti talbu n-nomina ta' Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond 21 fi Parish Priest Muscat Square, Hamrun minn 1998 u kull 5 snin sal-1 ta' Novembru, 2021, rat li l-kontro-partijiet irrimettew ruhom salv ghall-ispejjez u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Perit Valerio Schembri;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri prezentat fl-atti nhar is-16 ta' Settembru, 2022 u mahluf nhar it-18 ta' Jannar, 2023 a fol. 39 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Jannar, 2023 Dr Jose Herrera ghar-rikorrenti talab li l-Qorti joghgobha testendi l-inkarigu tal-Perit nominat sabiex jaghmel valutazzjoni sas-sena 1982 u dan peress li l-posizzjoni fil-gurisprudenza taghna tbidlet u l-kumpens ma jinghatax biss minn meta l-eredi jigu fil-pussess tal-wirt, rat li Dr Charlene Muscat ressqet l-oggezzjoni taghha ghar-ragunijiet hemm elenkati, rat li Dr Luke Valletta rrimetta ruhhu u rat li l-Qorti laqghet it-talba u estendiet l-inkarigu tal-Perit Valerio Schembri kif mitlub provvizorjament a spejjez tar-rikorrenti u dwar l-oggezzjoni tal-Avukat tal-Istat irriservat li tipprovdi fid-decizjoni skont il-kaz;

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Valerio Schembri prezentat fl-atti nhar it-2 ta' Mejju, 2023 u mahluf nhar il-5 ta' Lulju, 2023 a fol. 91 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar id-29 ta' Mejju, 2023 fejn permezz tieghu nfurmaw lil Qorti bil-mewt ta' Spiridione Borg u talbu ghat-trasfuzzjoni tal-atti ghal fuq Emanuel Borg et sabiex b'hekk issir il-legittimazzjoni tal-atti u rat li Dr Christian Ellul ghall-intimat Avukat tal-Istat rrimetta ruhhu u l-Qorti ghaddiet sabiex tilqa' t-talba u ordnat it-trasfuzjoni kif mitluba;

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Ottubru, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor tal-kaz odjern huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti jippremettu li huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru 21 f'Parish Priest Muscat Square, Hamrun liema fond gie ghandhom mill-wirt u successjoni tal-genituri/nanniet taghhom Carmelo u Marianna konjugi Borg skont il-kaz. Il-fond fid-dikjarazzjoni *causa mortis* (fol. 4) ta' Marianna armla ta' Carmelo Borg gie deskritt bhala s-segwenti:

   > '2. Nofs (1/2) indiviz tal-fond numru wiehed u ghoxrin (21) P.P. Muscat Square, Hamrun, okkupat b'kera ta' hamsa u ghoxrin lira (£M25) fis-sena, soggett ghac-cens perpetwu ta' zewg liri (£M2) fis-sena, valutata din il-kwota indiviza ta' fond tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500).'.

   Illi r-rikorrenti fil-mori tal-kawza jaghtu deskrizzjoni dettaljata tal-gherq tat-titolu u jipprezentaw ukoll diversi dokumenti li l-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghalihom.

2. Illi l-awturi fit-titolu tar-rikorrenti kienu taw il-fond mertu tal-kawza odjerna b'titolu ta' kera lill-intimat John Mary Azzopardi zgur mis-sena 1986 hekk kif jidher mill-kopja tal-

ktieb tal-kera a fol. 51 et seq tal-process versu kera ta' tlettax il-lira (Lm13) tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' tletin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€30.28) kull sitt xhur u l-intimat baqgha jghix fih sallum ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti li tawh dritt ta' rilokazzjoni.

3. Illi r-rikorrenti ntavolaw il-kawza odjerna fejn talbu dikjarazzjoni li qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u ghar-ragunijiet esposti u cioe' minhabba li qabel id-dhul fis-sehh ta' l-Avviz legali XXIV tas-sena 2021 stante l-protezzjoni li l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kien jaghti lill-intimati Azzopardi fid-detenzjoni tal-fond bin-numru 21 f'Parish Priest Muscat Square, Hamrun huma gew imcahhda mill-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond u lanqas speranza reali li qatt jiksbu l-istess. Ir-rikorrenti talbu wkoll lill-Qorti taghtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xieraq ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali msemmija, fosthom li tiffissa kumpens dovut lilhom minhabba dan il-ksur tad-drittijiet fuq indikati.

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri:</u>**

Illi b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2022 a fol. 22 tal-process gie nominat il-Perit Tekniku Valerio Schembri sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond bin-numru 21 f'Parish Priest Muscat Square, Hamrun mis-sena 1998 u kull hames snin sal-1 ta' Novembru, 2021.

Il-Perit Tekniku Schembri pprezenta r-rapport tieghu nhar is-16 ta' Settembru, 2022 li gie mahluf nhar it-18 ta' Jannar, 2023 u jinsab fl-atti a fol. 39 et seq tal-process. Jirrizulta mir-rapport li l-Perit Tekniku jaghti deskrizzjoni ta' fhiex tikkonsisti l-proprjeta' in kwistjoni u ghadda sabiex jaghti l-valutazzjoni tal-proprjeta' u finalment il-valur lokatizju tal-fond.

Il-Perit Tekniku Valerio Schembri rrelata li l-valur tal-proprjeta' fis-suq liberu u frank huwa dak ta' tlett mitt elf ewro (€300,000).

Il-Perit ghadda wkoll sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju fis-suq miftuh tal-istess fond ghall-perijodi mis-sena 1998 sas-sena 2021 kif isegwi:

| | |
|---|---|
| 1998 | €1750.00 |
| 2003 | €2325.00 |
| 2008 | €3425.00 |
| 2013 | €3550.00 |
| 2018 | €5475.00 |
| 2021 | €6000.00 |

Illi wara talba ta' Dr Jose Herrera ghar-rikorrenti b'digriet tad-19 ta' Jannar, 2023 il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-Perit Valerio Schembri sabiex jaghmel valutazzjoni sas-sena 1982 liema rapport addizzjonali gie pprezentat fl-atti nhar it-2 ta' Mejju, 2023 u mahluf nhar il-5 ta' Lulju, 2023 a fol. 91 et seq tal-process. Il-valuri mizjuda ghas-snin indikati huma kif isegwi:

| | |
|---|---|
| 1982 | €650.00 |
| 1987 | €675.00 |
| 1992 | €950.00 |
| 1997 | €1675.00 |

Mill-process jirrizulta li hadd ma eskuta lil Perit Tekniku Schembri, u hadd mill-partijiet ma ressaq talba ghan-nomina ta' periti perizjuri.

**<u>L-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi preliminarjament l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa li r-rikorrenti ghandhom igibu prova cara u inekwivoka tat-titolu li allegatament igawdu fuq il-fond mertu ta' dawn il-proceduri, ossia l-fond bin-numru 21 f'Parish Priest Muscat Square, Hamrun. Fin-nuqqas ta' tali prova, l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrenti ma jista' qatt jigi kkunsidrat. Fit-tieni eccezzjoni jeccepixxi wkoll preliminarjament li r-rikorrenti ghandhom iressqu prova xierqa li turi kif l-fond in kwistjoni huwa tassew soggett ghal kirja protetta taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tal-fatt li dawn id-dettalji huma fundamentali ghall-ilment imressaq mir-rikorrenti.

Illi l-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fir-rigward dawn iz-zewg eccezzjonijiet iddikjara li m'huwiex jinsisti dwarhom. Ghalhekk gjaladarba l-intimat Avukat tal-Istat innifsu m'huwiex jinsisti l-Qorti m'hijiex ser tinoltra  ruhha oltre fl-ezami tal-istess.

Illi dan premess, fir-rigward il-parti tal-eccezzjoni fejn l-intimat Avukat tal-Istat ghamel referenza ghal dak iddikjarat mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom dwar li kwalunkwe kumpens likwidat ghandu jmur lura ghas-sena 1965, il-Qorti tqis li ghandha tiehu in konsiderazzjoni unikament il-perijodu mis-sena 1987 l'quddiem staante li kien minn din is-sena r-rikorrenti u l-antekawza taghhom inghataw il-possibilita' li

jaghmlu petizzjoni u mhux mis-sena 1965 kif indikat mir-rikorrenti.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Azzopardi:**

Illi in linea preliminari l-intimat Azzopardi jeccepixxi li r-rikorrenti naqsu milli jipproducu d-dokument essenzjali sabiex jistabilixxu jekk hux minnu illi Ludgarda Borg hijiex il-mandatarja proprja tal-imsemmija Colleen Mary Seychell, Marlene Jane Borg, Maria Anna Bennett u Maria Dolores Borg. Sostna li ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jipprovaw li dan kien sar skond il-ligi u qabel ma giet ipprezentata l-imsemmija rikors. Fin-nuqqas ghandu jigi dikjarat li l-istess rikors huwa null.

Illi r-rikorrenti pprezentaw fl-atti kopji tal-prokuri minn fejn jirrizulta li l-persuni msemmija u cioe' Maria Anna Bennett (fol. 26), Marlene Jane Borg (fol. 28), Colleen Mary Seychell (fol. 30) u Maria Dolores Borg (fol. 32) ilkoll innominaw u awtorizzaw liz-zija taghhom Ludgarda Borg sabiex tirrapprezenthom f'dawn il-proceduri odjerni. Ghalhekk gjaladarba fl-atti hemm prova tal-prokuri favur Ludgarda Borg, liema prova l-Qorti tqis li hija wahda sodisfacenti, ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**Is-sitt eccezzjoni tal-intimat Azzopardi:**

Illi fis-sitt eccezzjoni r-rikorrenti kellhom qabel xejn jezercitaw kull rimedju ordinarju u opportun sia fil-ligi minnhom invokata u sia ukoll f'dan il-kaz u dana ai termini tal-emendi ntrodotti tramite tal-Att XXIV tas-sena 2021.

Illi minn harsa lejn it-talbiet jirrizulta li r-rikorrenti, apparti dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom

kontemplati fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, jitolbu wkoll kundanna ghall-hlas ta' kumpens xieraq ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali msemmija u ghall-okkupazzjoni ta' dan il-fond bi vjolazzjoni tal-imsemmija drittijiet.

Illi dwar ir-rimedju ta' kumpens ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali l-Qorti tirrileva li dan huwa kompetenza unika tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali taghha u ta' l-ebda Qorti ohra. Ir-rimedji disponibbli li l-intimat Azzopardi qieghed jirreferi ghalihom huma differenti minn dawk mitluba lil din il-Qorti w'ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti, dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali ma kellhomx rimedji ohra ghajr li jipprocedu bil-kawza odjerna. Ghaldaqstant zgur li ma jistax jinghad li r-rikorrenti naqsu milli juzufruwixxu ruhhom mir-rimedji ordinarji gialadarba r-rimedju disponibbli fi ksur tad-drittijiet fundamentali setgha biss isir bil-procedura odjerna. Dwar ir-rimedji ntrodotti tramite tal-Att XXIV tas-sena 2021, kif jinghad fl-eccezzjoni nfisha, dawn gew introdotti fis-sena 2021 u huma rimedji diversi minn dawk odjerni. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni tal-intimat Azzopardi.

**<u>L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>**

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'.

Illi dwar dan fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali datata 31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et -vs- L-Onorevoli Prim' Ministru et** inghad illi:

> '...fejn si tratta minn ilmenti ta' vjolazzjoni ta' natura kontinwa tad-drittijiet ta' proprjeta` bhala rizultat tat-twettieq ta' ligijiet li jimponu arrangamenti lokatizji fuq is-sidien u li jipprovdu ghal ammont ta' kera allegatament inadegwat, gew ritenuti li jammontaw ghal mezz ta' kontroll mill-iStat fuq l-uzu tal-proprjeta u, inkwantu tali, jaqghu sabiex jigu kkunsidrati taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Interferenza bhal din trid tkun kompatibbli mal-principji ta' (i) legalita` (lawfulness), (ii) ghan legittimu fl-interess generali, u (iii) bilanc gust.'.

Bl-istess mod, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet diversi drabi illi:

> '*rent-control schemes and restrictions on the right to terminate a tenant's lease constitute control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1. It follows that the case should be examined under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1*'. (ara **Hutten-Czapska v. Poland** (GC), no. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, u **Bittó and Others v. Slovakia**, no.30255/09, § 101, 28 January 2014).'.

Fuq l-element tal-interess generali intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Mejju, 2017 fl-ismijiet **Josephine Azzopardi et -vs- L-Onorevoli Prim' Ministru et** illi:

> 'Illi huwa stabilit li biex indhil fit-tgawdija tas-sid jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta ghal dak l-indhil, u mhux semplici ipotesi ta' bzonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku ghandu jibqa' jsehh ghaz-zmien kollu tal-indhil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna.'.

Illi fid-decizjoni **Joseph Brownrigg et -vs- Avukat tal-Istat et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April, 2021 illi:

> 'It-terminu interess pubbliku jew generali ghandu interpretazzjoni pjuttost ampja, u l-awtoritajiet responsabbli ghandhom dikrezzjoni wiesgha f'dan il-kuntest li m'ghandhiex tigi mittiefsa mill-qrati sakemm ma jirrizultax li tkun irragonevoli.[1] Detto dan, din id-diskrezzjoni mhijiex wahda llimitata u l-ezercizzju taghha jrid dejjem ikun entro l-ezigenzi minimi mposti mill-Konvenzjoni.[2]'.

Fil-kaz tal-element tal-proporzjonalita', gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Sporrong and Lönnroth v. Sweden** (QEDB, 12/12/1984) illi sabiex interferenza fid-drittijiet sanciti permezz tal-Artikolu 2 tal-Ewwel Protokoll ma tkunx f'lezjoni tal-istess drittijiet, ghandu jirrizulta li l-interferenza li dwarha jkun qed isir l-ilment tkun zammet:

---

[1] A. Grgić *et al.*, *The Right to Property under the European Convention of Human Rights* (CoE, 2017), 14.

[2] **AIC Joseph Barbara et vs L-Onorevoli Prim'Ministru et** (Kost, 31/01/2014).

'[a] fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1.'.

Dwar dan il-punt gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni fl-ismijiet **Angela sive Gina Balzan -vs- L-Onorevoli Prim Ministru et** nhar is-7 ta' Dicembru, 2012 illi:

'Hekk kif il-Gvern ghandu dritt jespropria art fl-interess pubbliku, basta joffri kumpens gust ghal dak it-tehid, hekk ukoll jekk, fl-interess nazzjonali, ihoss li jrid jintervjeni fl-uzu li jsir minn proprjeta` ta' terzi, irid jara li c-cittadin privat ma jigix ippregjudikat, u li jinghata kumpens xieraq ghall-uzu impost. L-aspett socjali ta' ligi trid tigi evalwata mill-Gvern, u sta ghall-Gvern jara li ligi, applikabbli ergo omnes, twassal ghal-konsegwenzi mixtieqa, pero`, fejn se jigu aggevolati klassi ta' persuni f'sitwazzjoni partikolari, il-Gvern irid jara Ii ma tbatix klassi ohra ta' cittadin, u hawn il-htiega ta' bilanc gust.

Jinkombi fuq il-Gvern li johloq mekkanizmu li f'kull kaz iwassal ghal bilanc gust, u ghall-fini ta' dan il-kaz, din il-Qorti tara li l-Gvern ma pprovdix ghas-sitwazzjoni fejn il-kumpens ikun baxx wisq...'.

Illi l-isproporzjon o meno ta' mizura ghandha pero' tigi ezaminata f'kull kaz skont ir-rizultanzi fattwali tieghu.

Illi fil-kaz odjern, fl-atti gie stabbilit il-valur lokatizzju fis-suq miftuh tal-fond mertu tal-kawza odjerna billi fil-mori gie nominat il-Perit Tekniku Valerio Schembri ghal dan il-ghan. Illi meta jsir paragun bejn il-kera percepita mir-rikorrenti u dik stabilita mill-

Perit Tekniku bhala valur lokatizju fuq is-suq miftuh, tirrizulta evidenti diskrepanza sostanzjali. Fil-fatt jekk tinghata harsa lejn is-sena 1994 il-kera percepibbli annwali mir-rikorrenti mill-kopja tal-ktieb tal-kera jirrizulta li kienet dik ta' sitta u ghoxrin lira tal-munita l-antika (Lm 26) ekwivalenti ghas-somma ta' sittin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€60.56) fis-sena, filwaqt li l-valur lokatizzju tal-fond fis-suq miftuh kien ferm oghla u cioe' dak ta' disgha mija u hamsin Ewro (€950). Bl-istess mod il-valur lokatizzju tal-fond fis-suq miftuh fis-sena 2020 kien dak ta' hames'telef erbgha mija hamsa u sebghin Ewro (€5,475) fis-sena filwaqt li l-kera annwali percepibbli mir-rikorrenti kienet merament dik ta' mitejn u disgha Ewro u erbgha u sittin centezmu (€209.64) fis-sena. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-diskrepanza li tirrizulta hija wahda ferm sproporzjonata u ma tohloqx bilanc gust bejn l-ghan tal-mizura u d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti sanciti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi dwar l-emendi ntrodotti permezz tal-Att X tal-2009, u b'mod partikolari l-Artikolu 1531C tal-Kodici Civili gie wkoll ritenut fid-decizjoni kwotata aktar il-quddiem fl-ismijiet **Joseph Brownrigg et -vs- Avukat tal-Istat et** illi:

> 'Fir-rigward tal-emendi introdotti permezz tal-Att X tal-2009, u b'mod partikolari l-artikolu 1531C tal-Kodici Civili, il-Qorti tosserva illi diga jinsab ritenut fil-gurisprudenza illi dawn l-emendi tejbu verament ftit il-posizzjoni tas-sidien b'mod li ma jistax jinghad li gabu fit-tmiem il-ksur tal-jeddijiet fondamentali li s-sidien kienu qed isofru. Dan b'mod partikolari ikkonsidrat illi l-fatt li l-kera toghla kull tliet snin skont id-dettami tal-Artikolu 1531C tal-istess Kodici ftit li xejn ittaffi mid-diskrepanza qawwija li tezisti bejn il-kirja attwali offerta u dik li tkun dovuta fis-suq mhux

kontrollat.[3] Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et** (Kost 27/03/2015):

> "Lanqas l-emendi ghall-Kodici Civili li sehhew bl-Att tas-sena 2009 ma jistghu jitqiesu bhala li jaghtu rimedju effettiv ghall-lanjanzi tar-rikorrenti, kemm ghax tezisti diskrepanza enormi bejn l-awment fil-kera kontemplat fl-artikolu 1531C u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq hieles, kif ukoll ghax iddisposizzjonijiet tal-artikolu 1531, fic-cirkostanzi tal-kaz, jaghmlu remota l-possibilita` li dawn jipprendu l-pussess tal-fond taghhom."

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li dawn l-emendi ghall-Kodici Civili ma jistghux ikunu ta' konfort ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti in kwantu dawn kienu qed jissubixxu lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom u baqghu kostretti li jircievu kera tenwa revedibbili abbazi tar-restrizzjonijiet imposti.

Illi l-Qorti tqis ukoll li r-restrizzjonijiet taht il-Kap. 69 jikkostitwixxu wkoll ndhil fid-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, stante li permezz taghhom nholqot "*forced landlord-tenant relationship*" ghal zmien indefinit, b'mod li r-rikorrent sofrew minn deprivazzjoni tal-proprjeta` taghhom, stante li legalment ma setghux jiehdu lura l-proprjeta' hlief taht certi kondizzjonijiet. Illi kif qalet il-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz **Cassar vs Malta**, (App. 50570/13):

> "*The Court observes that in the present case the lease was subject to renewal by operation of law and the applicants*

[3] **Anthony Aquilina v. Malta** (QEDB, 11/12/2014); **Joseph Falzon vs Avukat Generali** (Kost., 28/04/2017) **Catherine Tabone pro et noe vs L-Avukat Generali et** (PA, 28/05/2019).

*had no possibility to evict the tenant on the basis of any of the limited grounds provided for by law. Indeed, any such request before the RRB, in the circumstances obtaining in their case, would have been unsuccessful."'.*

Illi in vista tal-insenjamenti kollha suesposti din il-Qorti tqis li r-rikorrenti certament sa qabel ma gie ntrodott l-Att XXIV tal-2021 garrbu ksur tal-jedd fundamentali taghhom sancit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Rimedji:</u>**

Illi r-rikorrenti fit-talbiet taghhom, oltre dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, jitolbu wkoll li jigi likwidat kumpens f'danni pekunjarji u non pekunjarji.

**<u>Kumpens:</u>**

Illi dwar il-kumpens dovut il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Herbert Brincat et -vs- Avukat Generali et** deciza fis-27 ta' Gunju, 2019, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet illi d-danni pekunjarji li ghandhom jinghataw f'kawza bhal din m'ghandhomx ikunu ekwivalenti ghal danni civili:

> '... l-kumpens misthoqq lill-persuna wara li jkun instab li din garrbet ksur ta` xi jedd fundamentali taghha ma huwiex l-istess bhal-likwidazzjoni u hlas ta` danni civili mgarrba. Huma minnu li Qorti Kostituzzjonali tista' taghti bhala rimedju kemm danni pekunarji kif ukoll danni non-pekunarji, izda din il-Qorti tissenjala li l-kumpens pekunjarju li jinghata f'proceduri bhal dawn ma ghandux ikun ekwivalenti ghal danni civili ai termini tal-Artikolu 1031 et seq. tal-Kodici Civili. Id-danni pretizi huma marbuta mat-talba ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fundamentali

u mal-iskop socjali u l-interess generali tal-ligi.'.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza partikolari ghas-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar, 2023 fl-ismijiet **Paolino sive Lino Agius et -vs- L-Avukat tal-Istat et** bir-rikors numru 246/19/1 li ghamlet referenza ghad-decizjoni **Cauchi -vs- Malta** deciza mill-Qorti Ewropea deciza fil-25 ta' Marzu, 2021. Il-Qorti tqis li l-istess principji enuncjati u r-ragunament applikat f'dak il-kaz ghandu japplika wkoll ghall-kaz odjern:

'20. Għalhekk skont l-istima tal-perit tekniku, it-total tal-kera li sid il-kera seta' jirċievi fis-suq miftuħ kien:

- 30/4/1987 sa Frar 1999 ċirka = €23,047

  u nofs dak l-ammont hu €11,523[4]

- 27/3/2015 sal-1/6/2021 ċirka = €44,970

  Total.........................................€56,493.

21. Meta tapplika l-linji gwida tas-sentenza tal-QEDB fil-każ Cauchi v. Malta,[5] irid jitnaqqas 30% (minħabba l-għan soċjali) = €39,545 u imbagħad 20% (minħabba l-inċertezza jekk il-fond kienx ikun mikri għall-perjodu kollu rilevanti) = €31,636.

22. Ir-rikorrenti ddikjaraw li l-kera kienet €163.06 fis-sena. Għalhekk fil-perjodu rilevanti 30 ta' April 1987 sal-bidu ta' Frar 1999 il-kera li kienu intitolati għaliha kienet ta' ċirka

[4] Skont il-perit tekniku l-kera fl-1987 sa 1990 = €1,600 fis-sena; 1991 sa 1995 = €2,000 fis- sena; 1996 sa 1999 = €2,329 fis-sena; 2015 = €5,400 fis-sena; 2016 sa 2019 = €6,720 u 2020 = €9,600 fis-sena.

[5] Applikazzjoni numru 14013/19 tal-25 ta' Marzu 2021.

> €2,000, minn liema somma jrid jonqos in-nofs peress li kif spjegat nofs il-qligħ kien jappartjeni lill-mara tat-testatur. Qalu li fl-2013 sal-2015 żdiedet għal €197.58 fis-sena, bejn l-2016 u l- 2018 awmentat għal €203.14, u fl-2019 reġgħet żdiedet għal €209.64. Għalhekk fit-tieni perjodu bejn is-27 ta' Mejju 2015 sal-1 ta' Gunju 2021, il-kera kienet ċirka €1,311. Total ta' €2,311. Meta tnaqqas €31,636 - €2,311 jibqa' bilanċ ta' <u>€29,325</u>.'.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-inkwilin intimat John Mary Azzopardi ilu jgawdi l-fond in kwistjoni zgur mis-sena 1986 u cioe' madwar tmienja u tletin (38) sena billi fl-atti gew pprezentati kopja tal-ktieb tal-kera minn fejn jirrizulta ppruvat li verament il-kirja ilha sejra minn dakinhar.

Il-Qorti, wara li fliet id-decizjonijiet kollha in materja nkluz dawk kwotati f'din l-istess decizjoni u fin-nota ta' sottomissjonijiet tasal ghas-segwenti likwidazzjoni ta' danni pekunjarji:

Kif gia suespost il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni fil-kaz tar-rikorrenti l-perijodu mis-sena 1987, cioe' s-sena li minnha r-rikorrenti nghataw il-possibilita' fil-ligi Maltija li jaghmlu petizzjoni u l-perijodu ghandu jkompli sa meta dahlu fis-sehh l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

Fil-kaz odjern l-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni fis-suq miftuh matul is-snin imsemmija, kif stmat mill-Perit Tekniku Valerio Schembri, jammonta komplessivament ghal dak ta' tlieta u tmenin elf erbgha mija u hamsin Ewro (€83,450). Jirrizulta li r-rikorrenti rcevew is-somma totali tul is-snin fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u tmintax il-Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€3,618.78). Ghalhekk l-ammont dovut lir-rikorrenti huwa dak ta':

€83,450 - €3,618.78 = €79,831.22

Il-Qorti tqis li, in linea mal-gurisprudenza suesposta, ghandha titnaqqas somma ulterjuri ekwivalenti ghal 30% u wkoll persentagg ulterjuri ta' 20% stante li kif inghad fil-gurisprudenza suesposta ghandu jigi tenut kont li mhux necessarjament il-proprjeta' in kwistjoni kienet ser tinkera tul il-perjodu kollu li kieku kienet libera sabiex tinkera:

€79,831.22 – 30%= €55,881.85 – 20% = €44,705.48

**Ammont ta' kumpens dovut**: erbgha u erbghin elf sebgha mija u hames Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€44,705.48).

Illi in kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens moghti tibqa' dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Il-Qorti rat ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Henry Deguara Caruana Gatto et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 fejn il-Qorti qieset li l-ammont ta' €500 ghal kull sena illi l-parti li tkun sofriet ksur tad-drittijiet fondamentali taghha hija korretta bhala kumpens ikkunsidrat li ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qrati Ewropea fuq dan il-punt. Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti u wkoll in vista li fil-kaz citat is-somma likwidata bhala danni kienet ferm aktar ghola minn dik odjerna l-Qorti tqis li kumpens ghal danni mhux pekunjarji ta' erbgha 'telef Ewro (€4,000) huwa wiehed idoneu u gust fic-cirkustanzi.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna bil-mod kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u ghar-raġunijiet fuq esposti, u cioe' minħabba li qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Avviż legali XXIV tas-sena 2021, stante l-protezzjoni li l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien jagħti lill-intimat fid-detenzjoni tal-fond bin-numru 21 f'Parish Priest Muscat Square, Ħamrun, ir-rikorrenti gew imcahhda l-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond u lanqas speranza reali li qatt jiksbu l-istess;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiffissa kumpens dovut lir-rikorrenti konsistenti f'danni pekunjarji u non-pekunjarji fl-ammont kumplessiv ta' tmienja u erbghin elf sebgha mija u hames Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€48,705.48).

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat, nkluz dawk tal-intimat inkwilin izda eskluzi l-ispejjez tar-rapport addizzjonali li ghandhom jkunu a karigu tar-rikorrenti.

In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Gunju, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju, 2024**